**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 309/2023 MS*

**Mary Iris Mifsud għan-nom u in rappreżentanza ta' Helen Sciberras, Mary Schembri, Mark Peter Schembri, Rachel Angela Falzon, Maria Camilleri, Sarah Subhani u Jarrod Subhani**

**Vs.**

**Carmela Cipriott u Avukat tal-Istat**

Illum, 4 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru: 2K

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fis-6 ta' Ġunju 2023 li bih wara li ppremettew:

> Illi r-rikorrenti huma lkoll proprjetarji tal-fond ossija ta' l-appartament formanti parti minn blokka bin-numru

ufficcjali 53, bl-isem ta' 'Bellevue' drabi ohra maghruf bhala 'Belleview', internament bin-numru wiehed (1), Triq Brared, Birkirkara, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Illi b'kuntratt tat-8 ta' Frar, 1965, fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, Pietro Schembri ikkonceda b'titolu ta' subenfitewsi temporanju ghaz-zmien sbatax (17) -il sena b'effett mit-8 ta' Frar, 1965 il-fond ossija ta' l-appartament gja minghajr numru ufficcjali izda illum bin-numru ufficcjali 53, bl-isem ta' 'Belleview', internament bin-numru wiehed (1), Triq Braret, Birkirkara lil Carmelo Axiaq, u dan versu subcens annwu u temporanju ta' Lm42 fis-sena, pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem.

Illi sussegwentament permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Jannar 1966 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut, Carmelo Axiaq trasferixxa a favur Henry Cipriott is-subutile dominju temporanju u benefikati ghar-rimanenti zmien ta' 17-il sena li bdew jghaddu mit-8 ta' Frar 1965 tal-appartament gja minghajr numru ufficcjali izda illum bin-numru ufficcjali 53, bl-isem ta' 'Belleview', internament bin-numru wiehed (1), Triq Braret, Birkirkara.

Illi din il-koncessjoni skadiet nhar is-7 ta' Frar, 1982 u stante li l-intimata u zewgha Henry Cipriott, illum mejjet, kienu citaddini ta' Malta u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni, huma kellhom dritt ta' rikolazzjoni indefinita ai termini tal-Att XXIII tal-1979.

Illi l-intimata u zewgha kellhom ihalsu kera ta' dopppja fis-sena, liema kera kellha tizdied darba kull 15-il sena ai termini tar-rata ta' inflazzjoni, pero qatt aktar mid-doppju, biex b'hekk fis-sena u sussegwentament il-kera kellha tibqa toghla bl-operazzjoni tal-Ligi u tal-Att X tal-2009.

Illi l-kera li qieghda tithallas illum hija dik ta' €211.40c

Illi bid-dhul fis-sehh ta' l-Att XXIII ta' l-1979, l-intimata Cipriott flimkien ma zewgha, illum mejjet, gew moghtija d-dritt li jibqghu jghixu fil-fond b'kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas izzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, bl-unika awment permessibbli fil-kera jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi.

Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti gew spossessati mid-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta taghhom wara li skada t-terminu tal-koncessjooni enfitewtika temporanja u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta'

sidien u inkwilini ghal perijodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilin u dawk tas-sidien, minkejja l-ftehim ta ' koncessjoni emfitewtika temporanja surreferit.

Illi l-awmenti fil-kera li huma intitolati ghalihom ir-rikorrenti skond il-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 huma mizeri ghall-ahhar meta paragunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tieghu, u ghalhekk tali legislazzjoni ma holqot l-ebda bilanc bejn l-interess generali u l-interess tar-rikorrenti, anzi kompliet tikkalpesta id-drittijiet fundamentali tas-sidien.

Illi r-rikorrenti gew imcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta taghhom minghajr ma setghu juzaw il-proprjeta huma u lanqas jiehdu kumpens xieraq ghall-okkupazzjoni minn terzi persuni b'mod sfurzat u mhux skond il-pattijiet kuntrattwali minnhom raggunti, imposti fuqhom. Filfatt, l-unika kumpens li gie offrut lilhom ai termini tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta kien li jithallsu z-zieda fir-rata ta' inflazzjoni tal-kera li ma setghet qatt teccedi d-doppju stabbilit fil-kuntratt originali, meta filfatt il-valur lokatizju ta' l-istess fond, dak iz-zmien u illum, kien ferm izjed mill-kera ircevuta minnhom, liema kera kif sussegwentament awmentata bl-emendi fil-Ligi u tal-Att X tal-2009 hija xorta wahda leziva tad-drittjiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini billi is-sid jircievi kera gusta fis-suq.

Illi r-rikorrenti qatt ma rcevew din il-kera gusta fis-suq minhabba it-tibdil fil-Ligi.

Illi l-Att XXIII tal-1979 li gie introdott b'mod retroattiv ippriva lir-rikorrenti mill-proprjeta taghhom minkejja li huma hadu hsieb biex jassiguraw li dan ma jsirx, oltre li l-istess ligi illediet d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ta' proprjeta mit-tgawdija ta' hwejjighom, kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea, stante li huma ma rcevewx kumpens adegwat ghall-uzu ta' hwejjighom, u dan ikkawza sproporzjon kbir bejn id-drittijiet taghhom bhala sidien u dawk tal-inkwilini, b'mod sfurzat.

Illi r-rikorrenti ma kellhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghax huma ma setghux jzidu l-kera b'mod ekwu u gust skond il-valur tas-suq ta' illum, minhabba li dak li effettivament huma setghu jircievu huwa dak kif limitat bil–Kap. 158 u l-Kap.16 tal - Ligijiet ta' Malta

Illi gialadarba r-rikorrenti sofrew minn nuqqas ta' *"fair balance"* bejn l-interessi generali tal-komunita u l-

bzonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ghandu jigi dikjarat illi d-drittijiet fundamentali tas-sidien qua rikorrenti gew lezi bid-dispozizzjonijiet tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza mad-dritt tas -sidien ghall-uzu tal-proprjeta' taghhom stante illi l-kirja sfurzata u r-restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sidien li jitterminaw l-istess kirja jikkostitwixxi kontroll tal-uzu tal-proprjeta' fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal -Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ukoll jincidi fuq id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Illi fic-cirkostanzi r-rikorrenti ghandhom jircievu sia danni pekunjarji kif wkoll danni morali minghand l-intimat Avukat tal-Istat kawza tal-lezjoni li huma sofrew ghal ghexieren ta' snin minhabba legislazzjoni ingusta u mhux ekwa u li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tal–inkwilini u dawk tas-sidien.

l-istess rikorrenti għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara u Tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet tal-Artikolu 12 partikolarment l-Artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-Att X tal-2009, u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti taw dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Carmela Cipriott [K.I. Nru 513944M)] tal-fond ossija ta' l-appartament formanti parti minn blokk bin-numru ufficcjali 53, bl-isem ta' 'Bellevue' drabi ohra maghruf bhala 'Belleview', internament bin-numru wiehed (1), Triq Brared, Birkirkara, b'tali mod li gie rez impossibli ghar-rikorrenti li jirriprendu l-pussess effettiv tal–istess fond u/jew li jircievu kera gusta, minkejja l-ftehim ta' koncessjoni enfitewtika temporanja surreferita.

ii. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi gew u ghadhom qieghdin jigu vjolati d–drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjeta tal-fond ossija ta' l-appartament bin-numru ufficcjali 53, bl-isem ta' 'Bellevue' drabi ohra maghruf bhala 'Belleview', internament bin-numru wiehed (1), Triq Brared, Birkirkara, bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skcda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk taghti lir-rikorrenti ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.

iii. Konsegwentement Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni pekunjarji u non–pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979 u tal-Att X tal-2009 stante li ma kreawx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk ta' l-inkwlini, u stante illi ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-propijeta' in kwistjoni ai termini tal-Ligi.

iv. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjaiji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Ligi.

v. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni pekunjarji u non -pekunjarji hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

vi. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Avukat tal-Istat fit-2 t'Awwissu 2023, li permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1. Illi r-rikorrenti jridu jġibu prova sodisfacenti tat-titolu tagħhom għall-fond 53, Bellevue drabi oħra magħruf Belleview, internament bin-numru 1, Triq Brared, Birkirkara;

2. Illi r-rikorrenti jridu jġibu prova illi l-kirja hija tassew protetta mill-Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi l-l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea stante li fil-każ odjern sar biss kontroll fl- użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

4. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid- dritt;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti dan għandu japplika sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018, cioè, l-1 ta' Awwissu, 2018;

Bl-ispejjeż.

3. Rat ir-risposta preżentata mill-intimata Cipriott fil-11 t'Awwissu 2023[1], li permezz tagħha hija eċċepiet:

> 1. Illi preliminarjament ukoll, m'għandhiex tkun l-Esponenti li tkun ikkundannata bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali stante li cittadin privat ma jistax ikun misjub li kiser drittijiet ta' terzi, u inoltre, 1-Esponent tassigura li ottemperat ruħha ma' dak li tgħid il-Liġi u xejn iżjed;
> 2. Illi għal dak kollu li ntqal fil-konfront taghha, l-Esponenti qiegħda tirrespinġi l- allegazzjonijiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:
> i. Illi l-Esponenti ghandha titolu validu u dejjem aderixxiet ai termini tal-Liġi ta' Malta, u per konsegwenza ma jistax jingħad li hija m'għandhiex titolu validu fil-ligi;
> ii. Illi l-konċessjoni sub-enfitewtika ingħatat b'mod liberu mill-antenati tal-atturi u għaldaqstant dan sar b'mod liberu, volontarju u bi pjaċir tas-sidien;
> giet accettata; iii. Illi jingħad ukoll li kull kera dovuta dejjem hallasitha skont ma riedet il-Ligi, u dejjem
> iv. Illi l-Esponenti ottemprat ruħha maż-żidiet kollha rikjesti bil-liġi;
>
> 4. Illi għalhekk l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' proporzionalita' mhux ġustifikat għax ma hemm l-ebda ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> 5.Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Esponenti m'għandhiex tbati l- ispejjeż ta' din il-kawża, ikun xi jkun l-eżitu ta' dawn il-proċeduri, peress illi hija ma kienet bl-ebda mod involuta fil-promulgazzjoni tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll illi bid-dħul tagħha li hija jippercepixxu m'huwiex biżżejjed sabiex iħallsu tali spejjeż;
>
> 6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.
>
> Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-Esponenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors promutur (309/2023 RGM) filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari kollha jew in parte u/jew eċċezzjonijet l-oħra miġjuba mill- Esponenti, u dan taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

[1] A fol.62.

> Bl-ispejjeż kontra r-Rikorrenti Mary Iris Mifsud nomine u/jew l-Avukat tal-Istat jew min minnhom u bl-inguzzjoni taghhom ghas-subizzjoni.

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha r-rikorrenti jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tagħhom għall-proprjetà u għat-tgawdija tagħha, kif protetti mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

8. Ir-rikorrenti jgħidu li huma lkoll sidien tal-appartament internament numerat wieħed (1), formanti parti mill-korp ta' bini bin-numru uffiċċjali tlieta u ħamsin (53) u magħruf bl-isem "Bellevue" jew "Belleview", fi Triq Brared f'Birkirkara (minn issa 'l quddiem imsejjaħ «il-Fond»).

9. Il-Fond kien mibni fuq territorju akbar li kien inkiseb minn Pietro Schembri b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut fis-17 ta' Diċembru 1957[2], matul iż-żwieġ tiegħu ma' Josephine Schembri. Pietro Schembri miet fit-30 ta' Diċembru 1980[3] filwaqt li martu Josephine Schembri mietet fis-17 t'Ottubru 1984[4]. Entrambi mietu intestati[5], u b'hekk wirtuhom il-ħames uliedhom Helen Sciberras, Carmel Schembri, Maria Schembri, Theresa Schembri u Josephine Schembri[6]. Il-mandatarja tar-rikorrenti xehdet li Pietro u Josephine konjuġi Schembri kellhom wild ieħor, Emanuel, li però kien membru f'ordni u għalhekk tilef il-kapaċità li jiret[7]. F'kull każ Emanuel Schembri miet fid-9 t'Ottubru 2018.

---

[2] Ara fol.84.
[3] Ara fol.91.
[4] Ara fol.94.
[5] Ara r-riċerki testamentarji eżebiti a fol.92-93, 95-96.
[6] Ara l-arblu tar-razza eżebit a fol.83.
[7] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Mary Iris Mifsud, a fol.80.

10. Dwar uliedhom, irriżulta li:

    i. Carmel (jew Charles) Schembri miet fit-18 ta' Lulju 2008[8] intestat[9], u b'hekk wirtuh martu r-rikorrenti Mary Schembri u wliedu r-rikorrenti Mark Schembri u Rachel Falzon[10];
    ii. Josephine Schembri mietet xebba u improle fl-1 ta' Jannar 2011[11], u ma ħalliet ebda testment[12]. Sehmha għalhekk għadda fuq ħutha jew uliedhom[13];
    iii. Theresa Schembri mietet fit-18 ta' Lulju 2018[14]. Hija ma kellhiex testment f'Malta[15] iżda b'testment barrani nnominat b'werrieta tagħha lill-uliedha r-rikorrenti Jarrod Subhani u Sarah Subhani[16].

11. Jirriżulta li b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut fit-8 ta' Frar 1965[17], Pietro Schembri kkonċeda lil Carmelo Axiaq il-Fond b'titolu ta' subenfitewsi temporanja għaż-żmien ta' sbatax-il sena minn dakinhar, u dan versu s-subċens annwu u temporanju ta' £42 fis-sena, pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem. B'kuntratt ieħor magħmul fl-atti tal-istess Nutar Angelo Sammut fis-27 ta' Jannar 1966[18], Carmelo Axiaq trasferixxa s-*sub-utile dominium* temporanju fuq il-Fond lil Henry Cipriott. Carmela Cipriott hija martu, u baqgħet tgħix fil-Fond b'titolu ta' kera wara l-mewt ta' Henry Cipriott.

12. Il-kera li kienet pagabbli mill-inkwilini ftit li xejn żdiedet matul iż-żmien, tant li fis-sena 2019 l-ammont imħallas kien ta' €205 fis-sena. Fis-sena 2020 l-kera żdiedet għas-somma ta' €217.80 fis-sena[19].

---

[8] Ara fol.97.
[9] Ara r-riċerki testamentarji a fol.98-99.
[10] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar James Grech fis-7 ta' Novembru 2022 a fol.143.
[11] Ara fol.100.
[12] Ara r-riċerki testamentarji a fol.101-102.
[13] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar James Grech fis-7 ta' Novembru 2022 a fol.147.
[14] Ara fol.103.
[15] Ara r-riċerki testamentarji a fol.104-105.
[16] Ara fol.106, kif ukoll id-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar James Grech fis-7 ta' Novembru 2022 a fol.152.
[17] Ara fol.47.
[18] Ara fol.54.
[19] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Mary Iris Mifsud, a fol.81, u l-verbal magħmul fl-udjenza tat-13 ta' Ġunju 2024 (a fol.217).

13. Ġie pruvat ukoll li l-Fond ma kienx dekontrollat[20]. Fil-mori tal-kawża r-rikorrenti biegħu il-Fond lil terzi permezz ta' kuntratt riċevut min-Nutar Reuben Debono fid-29 ta' Settembru 2023, li fih huma rriservaw il-jedd li jirċievu l-kumpens li jista' jiġi akkordat f'dawn il-proċeduri[21].

Ikkunsidrat:

14. Illi esposti l-fatti tal-każ, imiss issa li l-Qorti tikkunsidra l-meritu flimkien ma' dawk l-eċċezzjonijiet tal-intimati li jmissu l-istess meritu.

15. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqin mir-rikorrenti dwar it-titolu tagħhom fuq il-Fond, liema provi jappoġġjaw l-azzjoni tar-rikorrenti mhux biss abbażi tat-titolu derivattiv akkwistat mill-awtur tagħhom Pietro Schembri, iżda anki fuq il-pussess tagħhom u tal-awturi tagħhom, manifestat bil-ħlas ta' snin twal ta' kera mill-inkwilini li okkupaw il-Fond.

16. Bl-istess mod il-Qorti hija wkoll sodisfatta li mill-provi prodotti jirriżulta li l-intimata Cipriott kellha, u għad għandha, titolu protett ta' kera bis-saħħa tal-artikolu 12 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll ta' Djar (minn issa 'l quddiem se tissejjaħ biss bħala «l-Ordinanza»), u dan wara l-akkwist tat-titolu ta' subenfitewsi temporanja kif fuq spjegat. Minħabba l-fatt li l-Fond kien okkupat mill-intimata Cipriott u minn żewġha bħala residenza ordinarja tagħhom u peress li l-istess inkwilini kienu ċittadini ta' Malta, huma bbenefikaw mill-protezzjoni li kienet introdotta fl-Ordinanza permezz tal-Att XXIII tal-1979.

17. B'din l-azzjoni, r-rikorrenti qiegħdin jinvokaw l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

18. L-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jgħid:

> Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt

[20] Ara fol.59.
[21] Ara fol.168.

> fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.

19. Illi din id-dispożizzjoni għalhekk testendi t-tutela tagħha fir-rigward ta' kwalsiasi teħid ta' pussess jew ksib ta' interess jew dritt fi jew fuq proprjetà b'mod obbligatorju. It-tifsira klassika tad-dritt ta' proprjetà hija riflessa fl-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili[22]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 37 senjatament fid-dawl tat-tifsira ta' «proprjetà» skont il-liġi ċivili tagħna għandha twassal għall-konklużjoni li d-dritt ta' proprjetà, u kull dritt u interess fi jew fuq proprjetà, jinkludu neċessarjament l-użu u t-tgawdija tal-ħaġa. Meta allura l-Istat b'xi mod ikun effettivament u sostantivament qiegħed jieħu mingħand is-sid id-dritt li juża mill-proprjetà tiegħu kif

[22] «*Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi*». Fi kliem awturi kontinentali li dejjem irċevew l-approvazzjoni tal-Qrati tagħna, «*Il diritto di proprietà è anzitutto* assoluto. *Il proprietario ha sulla cosa il potere giuridico più completo,* piena in re potestas. *Egli godrà dunque della sua cosa come vorrà, anchè, se ciò gli aggrada, in modo abusivo, mentre che colui che non ha che un diritto di usufrutto deve goderne come un buon padre di famiglia. Risulta dalla stessa idea che il proprietario non può essere costretto a spogliarsi del suo diritto ... ... ... Come secondo carattere essenziale, il diritto di proprietà è* esclussivo*; il che non è in realtà se non una nuova maniera di manifestare il suo carattere assoluto. Il proprietario si può opporre a che altri tragga dalla sua cosa un utile qualunque, anchè se ciò non gli cagionasse pregiudizio alcuno ... ... ... Già da tempo si è ricondotta l'analisi del diritto di proprieta' a tre elementi: 1.º Il ius utendi, o diritto di servirsi della cosa per tutti gli usi ai quali può prestarsi ... 2.º Il ius fruendi, o diritto di godere della cosa, cioè ricavarne tutti i frutti che può dare ... 3.º Il ius abutendi o diritto di disporre della cosa, sia vendendola, sia consumandola...*» (***Baudry LaCantinerie***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Dei Beni, §§200, 201, 204).

jixtieq u kif irid, ikun ifisser li seħħ teħid tal-pussess fuq dik il-proprjetà, kif ukoll ksib ta' interess jew dritt fi u fuq dik l-istess proprjetà, u dan b'mod obbligatorju.

20. Din l-interpretazzjoni aktar wiesgħa tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni kienet imħaddna mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fil-każ ***Vincent Curmi noe et vs. Avukat Ġenerali et*** (24/6/2016) meta għaddiet biex tosserva li: «*...għalkemm il-każ odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-teħid ta' interess fi proprjetà għal skopijiet ta' kirja, dan it-teħid ta' interess tant hu riġidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bħala sidien mill-użu u mit-tgawdija tal-proprjetà tagħhom*». Aktar riċentement, il-Qorti Kostituzzjonali kellha okkażjoni teżamina dina l-istess eċċezzjoni fil-każ ***Rebecca Hyzler et vs. Avukat Ġenerali et*** (29/3/2019), fejn osservat dan li ġej:

> Din il-Qorti tosserva li mis-subartikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni joħroġ ċar li din id-dispozizzjoni tal-liġi hi maħsuba li tingħata interpretazzjoni wiesgħa permezz tad-diċitatura tagħha fejn il-kliem "interess" u "dritt" ċertament jolqtu l-każ in eżami. Hu veru li m'hemm l-ebda teħid ta' proprjeta` iżda l-limitazzjoni tat-tgawdija tagħha prinċipalment permezz tal-imposizzjoni ta' relazzjoni kontrattwali ta' kera bejn ir-rikorrenti u l-intimati Vella, kontroll ta' dik il-kera u tal-użu tal-fond għal żmien indefinit, tista' biss issarraf għal kisba mingħajr kumpens tal-interess tas-sid f'dik il-proprjeta` u ta' dritt fuqha għall-fini ta' ntrojtu xieraq jew ta' użu. Huwa f'dan is-sens li żviluppat il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti[23].

21. Riferenza ssir ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Louis Vincenti et vs. Maria sive May Herrera et*** (27/1/2021), u għar-rassenja ta' deċiżjonijiet hemmhekk kontenuta. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn id-deċiżjonijiet għar-raġunijiet diġà esposti aktar qabel.

22. Illi issa hija ġurisprudenza kopjuża dik li tqis li dawk il-liġijiet li jipprovdu għall-impożizzjoni ta' relazzjoni lokatizja fuq sidien ta' fondi urbani hija liġi li tfittex li tilħaq skop soċjali fl-interess ġenerali, u li għalhekk minnha nnifisha m'hijiex leżiva tal-jeddijiet fondamentali tal-istess sidien, li huma b'hekk imġiegħla li jkunu lokaturi ta'

[23] ***Estelle Azzopardi et vs. Mikelina Said et*** u ***Mikelina Said et vs. Estelle Azzopardi et*** (Qorti Kostituzzjonali, 14/12/2018).

ħwejjiġhom. Kif osservat issa diversi drabi, l-iskop soċjali li l-leġiżlazzjoni mpunjata f'din il-kawża tippersegwixxi għandu jitqies bħala skop fl-interess pubbliku li jilleġittima l-istess leġiżlazzjoni. Madanakollu, fit-twettiq ta' leġiżlazzjoni bħal din, id-dmir tal-Istat ma jieqafx hemm. Ġie miktub li:

> The Court has broken down Article 1 of the First Protocol into its component parts and has gradually established the relationship between them. Its language has become familiar by frequent repitition. In Sporrong and Lönnroth v Sweden, the Court stated:
>
> [This provision] comprises three distinct rules. The first rule, which is of a general nature enounces the principle of peaceful enjoyment of property; it is set out in the first sentence of the first paragraph. The second rule covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; it appears in the second sentence of the first paragraph. The third rule recognises that the [contracting] states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose; it is contained in the second paragraph.
>
> In James v UK, the Court explained the relationship between the three sentences:
>
> The three rules are not distinct in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule.[24]

23. Illi fejn jiġi stabbilit li l-interferenza fit-tgawdija tal-possediment kellha bażi legali u leġittima, irid imbagħad jiġi mistħarreġ jekk dik l-interferenza tirrispettax bilanċ xieraq u ġust bejn il-ħtiġiet tal-interess ġenerali tal-komunità u r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwu. F'dan is-sens huwa spjegat li: «… *the Court assesses the proportionality of the contested measure by determining whether 'a fair balance' has been struck between the interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. This means, in particular, that:* there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and

[24] Ara ***Harris, O'Boyle and Warbrick***, Law of the European Convention of Human Rights, 2nd edition, pġa. 666.

the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions[25]. *Under this head, the Court may examine whether 'an individual and excessive burden' has been imposed on the individual. Where this is the case, there appears to be a strong presumption of a lack of proportionality, which can be refuted only if adequate remedies and procedural safeguards have been available*»[26].

24. Illi huwa proprju f'dan ir-rispett li l-Istat, kif rappreżentat mill-intimat Avukat tal-Istat, falla.

25. Illi fiż-żmien li fih ir-rikorrenti jew il-ġenituri tagħhom saru sidien tal-fond mertu tal-kawża, ġjà jidher li kien hemm diskrepanza notevoli bejn il-kera li kienet qed titħallas effettivament mill-intimata Cipriott u dik li, skont il-perizja teknika estiża f'dawn l-atti, seta' ipprokura l-fond in kwistjoni kieku nkera fis-suq miftuħ. Il-provi juru li hekk kif is-snin bdew igerbu u l-kera pagabbli mill-intimata Cipriott baqgħet sostantivament l-istess, il-valur tal-fond in kwistjoni żdied u baqa' jiżdied b'mod konsiderevoli, u hekk ukoll żdied b'mod konsiderevoli l-valur lokatizju tal-istess fond. Fi kliem ieħor, il-provi juru li r-rikorrenti ġew deprivati mit-tgawdija sħiħa tal-fond u minflok, sabiex l-Istat jilħaq l-iskop soċjali leġittimu li jipprovdi akkomodazzjoni residenzjali lill-intimata Cipriott, tqiegħed piż sproporzjonat fuq ir-rikorrenti billi d-deprivazzjoni tagħhom ma saritx versu ħlas ta' kumpens li jista' remotament jitqies adekwat. Dan partikolarment meta wieħed iqabbel il-kera effettivament imħallsa mill-intimata Cipriott skont id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-1979, kif miżjuda bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att X tal-2009, mal-valuri indikati fil-perizja teknika eżegwita fuq ordni ta' din il-Qorti.

26. Dan kollu jfisser allura li l-artikolu 12 tal-Ordinanza, sa fejn kien jagħti lill-intimata Cipriott u lil żewġha l-fakultà li, kemm-il darba jkunu ċittadini Maltin u jużaw il-fond in kwistjoni bħala r-residenza ordinarja tagħhom mat-tmiem tal-konċessjoni enfitewtika, ikomplu jokkupaw dak il-fond b'titolu ta' lokazzjoni, ma huwiex *ut sic* leżiv fil-konfront tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti. Il-vjolazzjoni ta' dawk il-

[25] See judgment of 21 February 1986, *James and Others*, A.98, p.34; judgment of 8 July 1986, *Lithgow and Others*, A.102, p. 50; judgment of 9 December 1994, *Holy Monasteries*, A.301-A, p. 34; judgment of 20 November 1995, *Pressos Compania Naviera S.A. and Others,* A.332, p.21.

[26] ***Van Dijk & Van Hoof***, Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (Third Edition), §13.4.2.

jeddijiet però tqum minħabba l-fatt li l-leġiżlatur naqas milli jipprovdi mekkaniżmu li permezz tiegħu isseħħ reviżjoni tal-kondizzjonijiet tal-kirja li tkun b'xi mod radikata fuq il-valur tal-fond innifsu. Ir-reviżjonijiet maħsuba fil-Kapitolu 158 huma kompletament distakkati mill-valur tal-fond innifsu, u dawk eventwalment introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att X tal-2009 huma tant'ieħor awtomatiċi u b'ebda mod ma jirriflettu iż-żieda fil-valur tal-proprjetajiet tas-sidien li huma mġiegħla jilbsu l-libsa ta' lokaturi.

27. Anki fil-kuntest tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jsir teħid ta' pussess jew ksib ta' dritt jew interess fuq jew fi proprjetà b'mod obbligatorju, u kontenuti fil-paragrafi (a) sa (ċ) tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 37, ma ġewx osservati. Dan mhux biss għaliex il-ksib obbligatorju ma sarx kontra l-ħlas ta' kumpens xieraq, kif trid il-Kostituzzjoni, iżda wkoll għaliex ir-rikorrenti ma kellhom ebda aċċess għal xi qorti sabiex jiġi determinat kif imiss tali kumpens xieraq.

28. Għalhekk din il-Qorti ssib li tassew kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

29. Din il-Qorti ssib li l-vjolazzjoni ta' dawn id-drittijiet fondamentali bdiet minnufih malli skadiet is-subenfitewsi temporanja, u ċjoè fis-sena 1982. Bl-iskadenza tas-subenfitewsi, l-inkwilini kienu obbligati li jibdew iħallsu s-somma ta' £84, ċjoè d-doppju taċ-ċens. Jidher minflok li baqgħu iħallsu l-istess daqs kemm kien is-subċens, però kien nuqqas tar-rikorrenti li ma nsistewx li jsir il-ħlas tal-ammont sħiħ eżiġibbli minnhom. Dan ifisser li, fis-sena 1982, ir-rikorrenti kienu intitolati għal madwar €195 fi flus tallum, u ċjoè inqas min-nofs l-ammont li skont il-perit tekniku seta' jġib il-Fond kieku nkera fis-suq miftuħ. F'dan iż-żmien għalhekk kien hemm diġà element ta' sproporzjonalità li jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Il-ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, naturalment, seħħ minnufih malli daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-liġijiet ta' Malta).

30. Din il-vjolazzjoni baqgħet sejra, fil-fehma ta' din il-Qorti, sal-promulgazzjoni tal-Att XXVI tal-2018 u ċjoè fl-aħħar ta' Lulju tas-sena 2018. Bil-promulgazzjoni ta' dan l-

Att, ġie introdott fil-Kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta l-artikolu 12B li jagħti lis-sid dritt t'azzjoni sabiex, f'każ li jirriżulta li l-inkwilin huwa sprovvist minn ċertu mezzi skont il-limiti stabbiliti f'leġiżlazzjoni sussidjarja, tintalab reviżjoni fil-kera pagabbli mill-inkwilin, liema reviżjoni tieħu bħala bażi tagħha l-valur tal-fond mikri bħala liberu, frank u bil-pussess vakanti. Din l-emenda allura tmur direttament biex tindirizza n-nuqqas ta' proporzjonalità li din il-Qorti sabet li wasslet għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, billi twassal għar-ripreża fil-pussess tal-fond mikri fejn jinstab li l-inkwilin huwa munit b'mezzi u allura ma jistħoqqlux protezzjoni soċjali, jew inkella għar-reviżjoni tal-kirja f'każ li jinstab li l-inkwilin ħaqqu dik il-protezzjoni.

31. Għalhekk il-Qorti qed issib li r-rikorrenti u fejn applikabbli l-awturi tagħhom fit-titolu soffrew vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mis-7 ta' Frar 1982 u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll mit-30 t'April 1987, liema vjolazzjoni baqgħet sejra sal-31 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidrat:

32. Jonqos biss għalhekk li jiġi likwidat kumpens sabiex jagħmel tajjeb għall-vjolazzjonijiet kkonstatati f'din is-sentenza.

33. Illi llum hija ġurisprudenza assodata dik li tistabbilixxi kif għandhom jiġu kalkolati d-danni pekunjarji f'każijiet bħal dak odjern. Issir riferenza għad-deċiżjoni ***Erika Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 26/1/2022), kif ukoll għad-deċiżjonijiet ***John Mary Buttigieg et vs. L-Avukat Ġenerali et*** *u* ***Jeremy Cauchi et vs. Avukat Ġenerali et***, ilkoll mogħtija mill-istess Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum, fejn intqal:

> 27. Il-Qorti tkompli billi tosserva illi llum 'il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet issegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-atturi fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-atturi kien

> jirnexxilhom jżommu l-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-atturi, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi.

34. Illi l-ammont perċepibbli f'kera skont il-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni kien stmat mill-perit tekniku nominat f'din il-kawża fl-ammont kumplessiv ta' €49,982[27].

35. Illi mill-ammont totali ta' €49,982, l-ewwel irid isir tnaqqis ta' 30% mbagħad tnaqqis ulterjuri ta' 20% fuq l-ammont riżultanti, għar-raġunijiet spjegati fid-deċiżjonijiet ċitati. Dan it-tnaqqis iġib is-somma ta' €27,990.

36. Illi minn din is-somma mbagħad irid isir tnaqqis finali daqs l-ammont ta' kera li r-rikorrenti kellhom jedd għaliha. Il-Qorti sejra tqis ukoll il-kera li r-rikorrenti kellhom jedd għaliha u ma daħħluhix, għaliex għan-nuqqas tagħhom li jinsistu fuq dritt eżiġibbli għalihom m'għandux ibati l-Istat. Mill-provi eżebiti, jirriżulta li l-ammont ta' kera li kellu jkun pagabbli mill-intimata Cipriott u żewġha kellu jammonta għal €7,235.

37. Għalhekk il-kumpens pekunjarju li huwa mistħoqq mir-rikorrenti jammonta għal €20,755.

38. Bil-kemm hemm għalfejn jingħad li l-fatt li wħud mir-rikorrenti odjerni wirtu sehmhom mill-Fond aktar riċentement ma jinċidix fuq il-kalkolazzjoni tal-kumpens pekunjarju, billi l-werrieta universali għandhom il-jedd li jirċievu l-kumpens li kien imiss lill-awtur tagħhom (ara, per eżempju, id-deċiżjoni ***Avukat Dottor Anna Mallia et vs. Avukat tal-Istat et*** (Qorti Kostituzzjonali, 4/5/2022), kif ukoll id-deċiżjoni ***Godwin Montanaro et vs. Avukat Ġenerali et*** (Qorti Kostituzzjonali, 25/1/2023)).

39. Ma' dan l-ammont, irid jiżdied ammont ulterjuri bħala kumpens għall-ħsarat non-pekunjarji mġarrba mir-rikorrenti. Dan il-forma ta' kumpens però ma jintiritx, u għalhekk ir-rikorrenti Subhani, li wirtu lill-ommhom fis-sena 2018 ftit qabel ma waqfet il-vjolazzjoni kif fuq spjegat mhux se jiġu akkordati dan il-kumpens. Min-naħa l-oħra, r-rikorrenti Mary Schembri, Mark Schembri u Rachel Falzon se jingħataw kumpens ta'

[27] Ara fol.163.

din ix-xorta, però anqas mir-rikorrenti l-oħrajn għaliex huma bdew iġarrbu l-vjolazzjoni biss mis-sena 2011.

40. Din il-Qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ u taż-żminijiet differenti li matulu pperdurat il-vjolazzjoni, tqis li r-rikorrenti Mary Schembri, Mark Schembri u Rachel Falzon għandhom flimkien jirċievu s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro bħala kumpens non-pekunjarju, filwaqt li r-rikorrenti Helen Sciberras u Maria Camilleri għandhom jirċievu s-somma ta' ħamest elef Ewro kull wieħed.

41. Fl-aħħar nett, billi kif spjegat fil-korp ta' din is-sentenza, din il-Qorti qed issib li r-rikorrenti ġarrbu vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tagħhom sal-aħħar ta' Lulju tas-sena 2018, u billi wkoll il-leġiżlazzjoni mpunjata ġiet emendata f'dik is-sena, mhux il-każ li jingħataw ordnijiet skont l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, għar-raġunijiet diġà spjegati.

42. Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq premessi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

    (i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati sa fejn huma inkonsistenti ma' dak deċiż f'din is-sentenza;

    (ii) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti l-operazzjonijiet tal-artikolu 12, partikolarment l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 u bl-Att X tal-2009, ingħata dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Carmela Cipriott dwar il-fond ossija l-appartament formanti parti minn blokk bin-numru ufficcjali 53, bl-isem ta' 'Bellevue' drabi ohra maghruf bħala 'Belleview', internament bin-numru wieħed (1), Triq Brared, Birkirkara, versu kera li ma kinitx adekwata u li wasslet għal nuqqas ta' proporzjonalità fil-miżura tal-protezzjoni tal-kirja bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti;

    (iii) tilqa' t-tieni talba billi konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew vjolati d–drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà

tal-proprjetà fuq imsemmija, u dan in kwantu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mis-7 ta' Frar 1982 u in kwantu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll mit-30 t'April 1987, liema vjolazzjoni baqgħet sejra sal-31 ta' Lulju 2018;

(iv) tilqa' t-tielet talba u għalhekk tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni pekunjarji u non–pekunjarji sofferti mir-rikorrenti għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif appena dikjarat;

(v) tilqa' r-raba' talba u b'hekk tillikwida (a) il-kumpens pekunjarju dovut lir-rikorrenti skont il-kwoti tagħhom fil-proprjetà fl-ammont kumplessiv ta' għoxrin elf seba' mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€20,755); (b) il-kumpens non-pekunjarju dovut lir-rikorrenti Mary Schembri, Mark Schembri u Rachel Falzon fis-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) bejniethom, u (ċ) il-kumpens non-pekunjarju dovut lir-rikorrenti Helen Sciberras u Maria Camilleri fis-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) kull wieħed;

(vi) tilqa' l-ħames talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens lir-rikorrenti kif likwidat;

(vii) tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur